Avviz Numru CCT 106/12/GZ

**George Azzopardi**

**vs**

**Gala Centre – Frank Borda Ltd.**

Illum 13 ta' Marzu 2013

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-18 ta' April, 2012 fejn ir-rikorrent talab rifuzjoni ta' hames mija u dsatax-il Ewro (€519.00)) rapprezentanti l-prezz li huwa hallas meta xtara magna tal-hasil minghand is-socjeta' ntimata, liema magna tal-hasil kienet difettuza.

Is-socjeta' ntimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, pero' ma attendietx ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrent li huwa l-istess rikorrent, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti, kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrent issottometta bil-miktub illi:-**

Huwa kien xtara magna tal-hasil minghand is-socjeta' ntimata, liema magna tal-hasil waqfet tahdem erbgha darbiet. Ir-rikorrent qed jitlob il-flus lura u mhux li terga' tissewwa.

**Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Is-socjeta' ntimata qieghda tikkontesta t-talba tar-rikorrent ghal dawn ir-ragunijiet:

1. L-ewwel darba li huwa cempel kienet meta hija kienet ghamlet id-delivery u kellha girfa fuq il-panel. Is-socjeta' ntimata kienet offriet li tinbidel il-magna tal-hasil, pero' r-rikorrent ma riedx, u ghalhekk inbidlet il-panel.

2. Fl-10 ta' Mejju 2011, ir-rikorrent kien cempel li ghandu problema bil-bieba u ried il-flus lura. It-tekniku tas-socjeta' ntimata ma marx jara l-magna ghaliex ir-rikorrent ma riedx.

3. Fit-8 ta' Awissu 2011, is-socjeta' ntimata biddlet id-'door lock'. Din kienet l-ewwel darba li t-tekniku tas-socjeta' ntimata mar ghand ir-rikorrent minhabba hsara.

4. Fis-6 ta' Ottubru 2011, ir-rikorrent cempel biex is-socjeta' ntimata tmur tara l-magna tal-hasil u meta mar it-tekniku ma kien sab xejn hazin.

5. Fil-5 ta' Marzu 2012, ir-rikorrent cempel li kellu l-magna tal-hasil bil-hsara, izda ma riedx li s-socjeta' ntimata tmur ghaliex ried il-flus lura.

Is-socjeta' ntimata tikkonkludi li l-magna tal-hasil darba biss kellha l-hsara.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Is-socjeta' ntimata, debitament notifikata kemm bl-Avviz tat-Talba kif ukoll bid-data u l-hin tas-smiegh, u msejjha tliet darbiet, m'attendietx ghas-seduta.

It-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrent, huwa rega' kkonferma il-verzjoni tieghu bil-miktub, u zied jghid li huwa kien xtara magna tal-hasil minghand is-socjeta' ntimata ghall-prezz ta' hames mija u dsatax-il Ewro (€519.00). Kellha difett l-ghada stess li haduha d-dar tieghu. Wara ftit taz-zmien bdiet ittieh 'error' u din baqghat difettuza. Din ghada bil-hsara sa llum u ghalhekk qed jitlob li jinghata l-flus lura.

Ir-rikorrent ezebixxa dokumenti li jinkludu l-ircevuti u l-garanzija, li gew immarkati bhala Dok.GA1 sa Dok.GA5.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, jinnota n-nuqqas ta' rispett li ntwera lejn dan it-Tribunal, billi s-socjeta' ntimata lanqas biss indenjat ruhha tidher ghall-udjenza appuntata, u jikkonkludi, hekk skond il-provi, illi ma ngabet l-ebda prova rigwardanti l-allegat

difett jew xi xoghol ta' tiswija li saret da parte tas-socjeta' ntimata fuq il-magna tal-hasil in kwistjoni. Illi ghalhekk, it-Tribunal qed jichad it-talba tar-rikorrent, fuq nuqqas ta' provi, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-istess rikorrent.

**Avv. Gabrielle Zammit**
**Arbitru**